15.10.2020 A9-0179/50

**Emenda 50**
**Hildegard Bentele**
f'isem il-Grupp EPP

**Rapport** **A9-0179/2020**
**Delara Burkhardt**
Id-deforestazzjoni
2020/2006(INL)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – paragrafu 23 – subparagrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-operaturi għandhom ***jiddeterminaw jekk il-komoditajiet u l-prodotti fil-ktajjen tal-valur kollha tagħhom jikkonformawx mal-kriterji tas-sostenibbiltà*** u ***tad-drittijiet tal-bniedem tal-proposta, billi jaċċessaw u jevalwaw l-informazzjoni*** dwar ***iż-żona/żoni preċiża/preċiżi tal-art minn fejn joriġinaw dawn il-prodotti. Minbarra l-kriterji ambjentali, l-aċċess għall-informazzjoni jrid jippermetti lill-operatur jikkonkludi li dawk li jużaw l-art biex jipproduċu l-FERCs ikunu intitolati jagħmlu dan u jkunu kisbu Kunsens Ħieles, Minn Qabel u Infurmat (FPIC) minn dawk li għandhom id-drittijiet fuq dawk iż-żoni tal-art u li ma jkunux qed jiksru, jew kisru, xi dritt tal-bniedem imsemmi f'din il-proposta.*** | L-operaturi għandhom ***jistabbilixxu miżuri*** u ***proċeduri li jipprovdu aċċess għall-informazzjoni rilevanti*** dwar ***il-provvista tal-prodotti bażiċi tal-operatur*** li ***jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni***. |

Or. en

15.10.2020 A9-0179/51

**Emenda 51**
**Hildegard Bentele**
f'isem il-Grupp PPE

**Rapport** **A9-0179/2020**
**Delara Burkhardt**
Id-deforestazzjoni
2020/2006(INL)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – paragrafu 23 – subparagrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta operatur jistabbilixxi operazzjonijiet ġodda jew jinvolvi lil sħab kummerċjali ġodda, dan għandu ***jidentifika l-atturi involuti fil-katini ġodda tal-provvista u tal-investimenti, u jivvaluta l-politiki u l-prattiki tagħhom, kif ukoll il-ħsad, il-produzzjoni, l-estrazzjoni u s-siti tal-ipproċessar tagħhom. Għall-operazzjonijiet eżistenti, l-impatti u l-ħsarat avversi kontinwi kif ukoll ir-riskji potenzjali għandhom jiġu identifikati u vvalutati. Għandha ssir analiżi tar-riskju fir-rigward tar-riskji li jseħħu mill-attivitajiet tal-operatur għall-foresti naturali u l-ekosistemi naturali, il-popli indiġeni, il-komunitajiet lokali u l-individwi affettwati jew l-impatt fuqhom, aktar milli r-riskju materjali għall-azzjonisti korporattivi. Meta l-operaturi jkollhom numru kbir ta' fornituri, dawn għandhom jidentifikaw l-oqsma ġenerali fejn ir-riskju ta' impatti avversi huwa l-aktar sinifikanti*** u***, abbażi ta' din il-valutazzjoni tar-riskju, jagħtu prijorità lill-fornituri għal diliġenza dovuta***. | Meta operatur jistabbilixxi operazzjonijiet ġodda jew jinvolvi lil sħab kummerċjali ġodda, dan għandu ***jistabbilixxi proċeduri ta' valutazzjoni tar-riskju li jippermettu lill-operatur janalizza u jevalwa r-riskju għall-foresti u l-ekosistemi tagħhom***. |

Or. en

15.10.2020 A9-0179/52

**Emenda 52**
**Hildegard Bentele**
f'isem il-Grupp PPE

**Rapport** **A9-0179/2020**
**Delara Burkhardt**
Id-deforestazzjoni
2020/2006(INL)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – paragrafu 23 – subparagrafu 4a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Meta l-operaturi jkollhom numru kbir ta' fornituri, dawn għandhom jidentifikaw l-oqsma ġenerali fejn ir-riskju ta' impatti avversi huwa l-aktar sinifikanti u, abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju, jagħtu prijorità lill-fornituri għal diliġenza dovuta.*** |

Or. en

15.10.2020 A9-0179/53

**Emenda 53**
**Hildegard Bentele**
f'isem il-Grupp PPE

**Rapport** **A9-0179/2020**
**Delara Burkhardt**
Id-deforestazzjoni
2020/2006(INL)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – paragrafu 23 – subparagrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Minbarra fejn ir-riskju identifikat matul il-proċeduri ta' identifikazzjoni u valutazzjoni tar-riskju msemmija fil-punt (b) ikun negliġibbli, u għalhekk l-operatur ma jkollu l-ebda raġuni residwa li jkun imħasseb li l-prodotti bażiċi u l-prodotti jistgħu ma jissodisfawx il-kriterji stabbiliti f'dan il-qafas,*** l-operaturi għandhom ***jadottaw proċeduri*** ta' mitigazzjoni tar-riskju***. Dawk il-proċeduri*** għandhom jikkonsistu minn sett ta' miżuri ***adegwati*** u ***proporzjonali*** li ***jnaqqsu b'mod effettiv*** u ***biċ-ċar għal livell negliġibbli r-riskji kollha identifikati pereżempju l-emendar tal-kuntratti mal-fornituri, il-provvista ta' appoġġ lill-fornituri*** biex ***ibiddlu l-prattiki tagħhom, il-bidla tal-prattiki tax-xiri*** u ***l-investiment tagħhom, għall-fini tat-tqegħid legali tal-prodotti bażiċi u l-prodotti koperti fis-suq intern u fid-dawl ta' dan***. | L-operaturi għandhom ***jistabbilixxu miżuri*** ta' mitigazzjoni tar-riskju ***li*** għandhom jikkonsistu minn sett ta' miżuri u ***proċeduri*** li ***jkunu xierqa*** u ***proporzjonati*** biex ***inaqqsu b'mod effettiv dak ir-riskju*** u ***li jistgħu jinkludu l-ħtieġa ta' informazzjoni jew dokumenti addizzjonali u/jew jirrikjedu verifika minn parti terza***. |

Or. en

**Emenda 54**
**Hildegard Bentele**
f'isem il-Grupp EPP

**Rapport** **A9-0179/2020**
**Delara Burkhardt**
Id-deforestazzjoni
2020/2006(INL)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – paragrafu 23 – punt e**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) ***Is-sorveljanza u t-titjib kontinwu tal-effikaċja tas-sistema tad-diliġenza*** dovuta ***tagħhom u l-implimentazzjoni tagħha*** | (e) ***Ir-rapportar korporattiv annwali dwar id-diliġenza*** dovuta ***tal-katina tal-provvista*** |

Or. en

15.10.2020 A9-0179/55

**Emenda 55**
**Hildegard Bentele**
f'isem il-Grupp EPP

**Rapport** **A9-0179/2020**
**Delara Burkhardt**
Id-deforestazzjoni
2020/2006(INL)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – paragrafu 23 – subparagrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-operaturi għandhom ***perjodikament*** jivverifikaw jekk is-sistema tad-diliġenza dovuta tagħhom hijiex xierqa biex tipprevjeni l-ħsara u tiżgura l-konformità tal-prodotti bażiċi u l-prodotti mal-qafas u jekk le, jaġġustawha jew jiżviluppaw azzjonijiet oħrajn. L-evalwazzjoni tas-sistema tad-diliġenza dovuta għandha tkun ibbażata fuq indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi, feedback intern u estern u proċessi ċari ta' obbligu ta' rendikont. | L-operaturi għandhom ***annwalment*** jivverifikaw jekk is-sistema tad-diliġenza dovuta tagħhom hijiex xierqa biex tipprevjeni l-ħsara u tiżgura l-konformità tal-prodotti bażiċi u l-prodotti mal-qafas u jekk le, jaġġustawha jew jiżviluppaw azzjonijiet oħrajn. L-evalwazzjoni tas-sistema tad-diliġenza dovuta għandha tkun ibbażata fuq indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi, feedback intern ***fil-livell tal-bord*** u ***feedback*** estern***,*** u proċessi ċari ta' obbligu ta' rendikont. |

Or. en


Magħquda fid-diversità